MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Numru 1029/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Zarb**

v

**ANTHONY CASSAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY CASSAR** bin Nazzareno u Maria nee Muscat, imwieled Hal Qormi nhar t-tletin ta' Dicembru, 1952 u joqghod 53, Martin, Triq Guze Galea, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita` numru 56553M gie imressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fis-sitta ta' Frar, 2002 u fil-granet ta' qabel u ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi

jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' elf tlett mija u hamsin lira maltin b'qerq bi hsara ta' Anthony u Antonia Debono u diversi persuni ohra;

2. Minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal pesuna ohra is-somma ta' elf tlett mija u hamsin lira maltin ghad-detriment ta' Anthony u Antonia Debono, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; u

3. Talli ghamel uzu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss bi hsieb ta' qliegh, kiteb fuqha xi haga li tkun ta' hsara ghal persuna ohra jew bl-istess hsieb zied fu karta mhux in bjank, fdata lilu xi kitba jew klawsola.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tnax ta’ Dicembru, 2002 esebit fl-atti u mmarkat dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-Artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar it-tlieta ta’ Frar, 2003.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin ta’ Frar, 2003 u dana fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti rat in-nota presentata minn Dottor Jason Azzopardi fl-atti ta' dawn il-proceduri ghan-nom tal-vittma Anthony u Antonia Debono nhar is-sbatax ta' Ottubru, 2003 fejn gentilment informa l-Qorti illi l-imputat hallas lill-istess konjugi Debono l-pretenzjonijiet kollha dovuti minnhom.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni tal-imputat, il-koperazzjoni tal-imputat waqt l-proceduri l-Qorti u l-fatt li hu hallas ghas-saldu lill-vittmi fil-proceduri odjerni u ghalhekk illum il-gurnata m'hemm hadd li sofra danni materjali bhala konsegwenza tal-agir tal-imputat.

Rat il-fedina penali tal-imputat fejn ghandu erbgha convictions registrati fuqha, tlieta minnhom dwar kontravenzjonijiet u wahda minnhom tirrisali ghar-reat ta' serq li l-valur tieghu ma jeccediex il-hamsin lira Maltin fis-sena 1972.

**Illi minhabba l-premess il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-Qorti tapplika l-provvediment tal-Probation.**

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` 297, 293, 294, 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat ANTHONY CASSAR hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------